31988R0892

6.4.1988 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 89/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 892/88

tad-29 ta' Marzu, 1988

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2261/84 li jelenka regoli ġenerali dwar l-għoti ta' għajnuna għall-produzzjoni ta' żejt taż-żebbuġa u għal għajnuna lil organizzazzjonijiet tal-produtturi taż-żejt taż-żebbuġa

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill Nru 136/66/KEE tat-22 ta' Settembru, 1966 fuq it-twaqqif ta' organizzazzjoni komuni tas-suq fi żjut u xaħmijiet [1], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 3994/87 [2], u partikolarment Artikolu 5(4) ta' dan,

Billi l-għajnuna għall-produzzjoni ma għadhiex ristretta għal postijiet fejn kien hemm imħawla siġar taż-żebbuġ qabel ċertu żmien; billi b'konsegwenza għandu jitħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1590/83 tal-14 ta' Ġunju, 1983 dwar l-għażla ta' postijiet li fihom siġar taż-żebbuġ li jikkwalifikaw għal għajnuna għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa [3];

Billi għandhom ikunu stabbiliti kriterji biex ikun deċiż min minn fost dawk li jkabbru ż-żebbuġ għandhom produzzjoni medja li taqbeż kwantità stabbilita;

Billi organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom ikunu ħielsa minn ċerti obbligi marbuta ma' l-iċċekkjar ta' dikjarazzjonijiet dwar il-kultivazzjoni, ladarba dawn issa qed ikunu mwettqa minn aġenziji speċjalizzati; billi huwa opportun li jkunu riveduti r-regoli dwar l-użu tal-ammont miżmum mill-għajnuna għall-produzzjoni destinata għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 1915/87 [4] kif emendat, fost oħrajn, is-sistema ta' għajnuna għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa billi daħħal kwantità massima ta' żejt taż-żebbuġa li għaliha tapplika l-għajnuna għall-produzzjoni; billi dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu li jekk il-kwantità effettiva prodotta taqbeż il-kwantità massima, l-ammont ta' għajnuna pagabbli titnaqqas b'koeffiċjent; billi jekk il-kwantità prodotta hi anqas mill-kwantità massima, id-differenza għandha tiżdied mal-kwantità massima iffissata għas-sena ta' wara ta' bejgħ; billi kull tnaqqis fl-għajnuna ma japplikax għal produtturi żgħar; billi għandhom ikunu stabbiliti regoli ħalli tkun deċiża l-għajnuna finali li tingħata, biex isir ħlas temporanju tal-għajnuna u biex tkun stabbilita stima tal-produzzjoni u l-ammont effettivament prodott; billi l-għajnuna tingħata skond kriterji differenti li jiddependu fuq jekk il-produtturi taż-żebbuġ ikunux membri ta' organizzazzjoni tal-produtturi u jekk il-produzzjoni tagħhom taqbiżx kwantità stabbilita; billi għandhom ikunu stabbiliti regoli biex tkun deċiża dik il-kwantità; billi r-Regolament (KEE) Nru 2261/84 [5] kif emendat mir-Regolament (KEE) Nru 3763/86 [6], għandu jkun emendat;

Billi l-esperjenza dwar it-tħaddim tas-sistema tal-għajnuna għall-produzzjoni għadha mhix suffiċjenti biex issir proposta dwar reviżjoni ta' dik is-sistema, speċjalment ħekk kif is-sistema qegħda tkun applikata għal żewġ Stati Membri ġodda; billi għandu jkun estiż il-limitu ta' żmien għal sottomissjoni ta' rapport dwar il-ħidma għal arranġamenti ta' għajnuna għall-produzzjoni,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 2261/84 hu hawnhekk emendat kif ġej:

1. Artikolu 1(2) jitbiddel b'dan li ġej:

   "1. L-Għajnuna għall-produzzjoni tingħata għaż-żejt taż-żebbuġa kif spjegat fil-punti 1 u 4 ta' l-Anness mar-Regolament Nru 136/66/KEE."

2. F'Artikolu 2(4), iċ-ċifra "100" titbiddel b' "200"

[1] ĠU Ċ 172, tat-30.9.1966, p. 3025/66.
[2] ĠU L 377, 31, 12. 1987, p. 31.
[3] ĠU L 163, tat-22.6.1983, p. 39.
[4] ĠU L 183, tat-3.7.1987, p. 7.
[5] ĠU L 208, tat-3.8.1984, p. 3.
[6] ĠU L 349, tal-11.12.1986, p. 10.

3. Artikolu 2(5) u (6) jitbiddel b'dan li ġej:

"5. L-Istati Membri produtturi jiddeċiedu liema produtturi taż-żebbuġ għandhom produzzjoni ta' mill-anqas 200 kg ta' żejt fis-sens ta' Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 136/66/KEE fuq il-bażi tal-kwantità medja ta' żejt prodott li d-dritt għall-għajnuna kien rikonoxxut matul is-sentejn preċedenti ta' bejgħ.

F'każi fejn l-informazzjoni meħtieġa ma teżistix jew mhix aċċessibbli jew il-produttur taż-żebbuġ ikun biddel id-dikjarazzjoni dwar il-kultivazzjoni u li tkun tinvolvi tibdil fil-potenzjal tal-produzzjoni, id-dritt ikun deċiż billi jkun multiplikat l-għadd ta' siġar taż-żebbuġ fil-produzzjoni minn medja iffissata tal-ammont ta' żebbuġ miġbur u l-medja iffissata ta' l-ammont ta' żejt miġbur, skond Artikolu 18, għas-sentejn preċedenti ta' bejgħ."

4. It-tieni inċiż ta' Artikolu 3(1) jitbiddel b'dan li ġej:

"— kopja tad-dikjarazzjoni ippreżentata għall-fini ta' ġbir ta' reġistru dwar il-kultivazzjoni taż-żebbuġ:"

5. It-tieni inċiż ta' Artikolu 6(1) jitħassar.

6. It-tielet inċiż ta' Artikolu 8(2) jitħassar.

7. L-ewwel inċiż ta' Artikolu 10 jitbiddel b'dan li ġej:

"— jikkordinaw l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet li minnhom huma magħmula u jassiguraw li dawn l-attivitajiet jaqblu ma' dan ir-Regolament, u partikolarment jivverifikaw direttament u bi qbil mal-perċentwali li għad irid ikun deċiż, il-mod kif saru l-kontrolli speċifikati f'Artikolu 8,"

8. It-tieni inċiż ta' Artikolu 11(1)(b) jitbiddel b'dan li ġej:

"— tal-kwantità ta' żejt taż-żebbuġa li għalih tingħata għajnuna permezz ta' kull organizzazzjoni,"

9. Artikolu 12(2) jitbiddel b'dan li ġej:

"2. Il-ħlas bil-quddiem imsemmi fil-paragrafu 1 lil kull produttur ma jaqbiżx l-ammont miksub billi jkun multiplikat l-ammont tal-għajnuna, iffissat skond Artikolu 17a (1), minn:

— l-ammont li jirriżulta billi jkun multiplikat l-ammont ta' żebbuġ miġbur u l-ammont ta' żejt miġbur, iffissati bi qbil ma' Artikolu 18, bil-għadd ta' siġar taż-żebbuġ fil-produzzjoni kif dikjarat fid-dikjarazzjoni dwar il-kultivazzjoni, jew

— il-kwantità msemmija fl-applikazzjoni, jekk dik il-kwantità hi anqas minn dik miksuba skond l-ewwel inċiż."

10. L-Artikolu li ġej jiddaħħal fil-kapitolu intitolat "Dispożizzjonijiet Finali":

"Artikolu 17a

1. Dan li ġej ikun deċiż bi qbil mal-proċedura stabbilita f'Artikolu 38 tar-Regolament Nru 136/66/KEE, ta' qabel l-1 ta' Marzu rigward is-sena kurrenti ta' bejgħ:

(a) stima ta' produzzjoni;

(b) l-ammont ta' għajnuna għall-produzzjoni li tista' titħallas bil-quddiem. Dak l-ammont għandu jkun tali, skond il-kundizzjonijiet tal-produzzjoni ta' kull sena ta' bejgħ, biex ikun evitat kull riskju ta' pagamenti mhux ġustifikati lil produtturi taż-żebbuġ.

2. Mhux aktar tard minn sitt xhur wara t-tmiem tas-sena ta' bejgħ, dan li ġej ikun deċiż fir-rigward ta' dik is-sena bi qbil mal-proċedura msemmija fil-paragrafu 1:

(a) il-kwantità effettivament prodotta li d-dritt għall-għajnuna kien rikonoxxut;

(b) l-ammont tal-għajnuna għall-produzzjoni ipprovdut fil-ħames subparagrafu ta' Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament Nru 136/66/KEE, pagabbli lil produtturi li l-produzzjoni medja tagħhom hi mill-anqas 200 kilogramma għal kull sena ta' bejgħ;

(ċ) il-kwantità li għandha tgħaddi għas-sena ta' wara ta' bejgħ, jekk il-kwantità prodotta msemmija f'(a) tkun anqas mill-kwantità massima stabbilita.

3. L-Istati Membri, mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar, jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-istimi tagħhom għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa għas-sena kurrenti ta' bejgħ. Il-Kummissjoni tista' tuża għejjun oħra ta' informazzjoni u, fejn meħtieġ, tagħmel studji jew stħarriġ marbut mal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa"

11. Fit-tieni paragrafu ta' Artikolu 19, "(a)" titħassar.

12. Artikolu 21 jitbiddel b'dan li ġej:

"Artikolu 21

Qabel l-1 ta' Jannar, 1990, il-Kummissjoni tgħaddi lill-Kunsill rapport dwar it-tħaddim tas-sistema ta' għajnuna għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa, akkumpanjat jekk ikun meħtieġ bi proposti għal reviżjoni tas-sistema."

Artikolu 2

Ir-Regolament (KEE) Nru 1590/83 hu hawnhekk revokat.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak li fih ikun ġie ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 29 ta' Marzu, 1988.

Għall-Kunsill

Il-President

I. KIECHLE